Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Dr Anthony Ellul B.A. (Hon.), Pub. Admin., LL.D.

Seduta tal-lum 16 ta' Frar 2018

Appell numru:- 4/2015

**Gozo Channel Company Limited u b'digriet tal-21 ta' Marzu, 2017 saret trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Gozo Channel (Operations) Limited**
**(appellata)**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) gja l-Kummissarju tat-Taxxi Fuq il-Valur Mizjud (appellant)**

1. B'rikors prezentat fis-26 ta' Frar, 2015 fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, Gozo Channel (Operations) Limited [appellata], talbet lit-Tribunal sabiex, *"ihassar u jirrevoka d-decizjoni finali mahruga mid-Direttur appellat nhar it-12 ta' Frar 2015 u stejjem relattivi, billi jiddikjara li l-hlas ta' imghax fuq VAT mitlub, kif ukoll kwalunkwe hlasijiet ohra mitluba relatati, fl-istess decizjoni mhuwiex dovut"*. B'ittra tat-12 ta' Frar id-Direttur Generali (appellant) gharraf lill-appellata li l-imghax ma setax jinhafer, *"... since the reason stated in the letter is not considered valid. In such cases one has to make sure that an approval for set off is granted as this is not automatic"*.

2. Bi twegiba prezentata fit-18 ta' Marzu, 2015 l-appellant qal:

    i. It-tpacija hi prassi amministrattiva.
    ii. Mill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet jirrizulta li l-appellata kienet infurmata li tpacija tinghata soggett ghall-verifika ta' konteggi.
    iii. 'Il-fatt li l-Gvern ghandu nteress fiz-zewg kumpanniji ma jfissirx li l-ghoti ta' tpacija hi xi haga awtomatika.
    iv. L-appellat imkien ma tella' l-aspetattivi tal-appellanti b'tali mod li t-tpacija ser issehh. Fl-ebda parti tal-korrispondenza l-appellat ma tella' l-aspettativa li t-talba taghha kienet ser tintlaqa'.
    v. Sal-mument li ntbaghatet l-ittra tal-oggezzjoni ma kellux il-poter li jaghti mahfra.

3. B'sentenza tal-24 ta' Mejju, 2017 it-Tribunal laqa' t-talba tal-appellata.

4. B'rikors prezentat fit-12 ta' Gunju, 2017 l-appellant appella mid-decizjoni tat-Tribunal.

5. **Aggravji.**

   i. L-ghoti tal-mahfra taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 406.20 hi pregorgattiva tal-appellant.
   ii. L-appellata qatt m'applikat biex tinghata mahfra skont il-Legislazzjoni Sussidjarja 406.20.
   iii. L-appellata ma kellhiex ammont ta' mghax x'jinhafer ghaliex l-imghax gie pacut ma' rifuzjoni tal-istess kumpannija. B'hekk l-imghax thallas u ma jistax jinhafer.

6. Permezz ta' twegiba prezentata fl-24 ta' Lulju, 2017 l-appellata tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud. L-appellata bdiet biex targumenta li l-aggravji ma ssemmewx quddiem it-Tribunal.

7. Il-qorti qrat l-atti.

8. **Fatti.**

   i. B'ittra datata 2 ta' Lulju, 2013 Jacqueline Mizzi (Financial Controller tal-appellata) li baghtet lid-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, spjegat li z-zewg kumpanniji huma kredituri ta' xulxin; *"Due to cashflow problems, the Companies are hereby requesting a VAT set-off between the two Companies amounting to a Net Output VAT of €926,744.95"*.
   ii. B'email datata 7 ta' Marzu, 2014 li Jacqueline Mizzi baghtet lil Ruben Dalli (ufficjal tad-Dipartiment) infurmatu, *"Due to unforeseen circumstances, the vat set off exercise between Gozo Channel Co Ltd and Gozo Ferries Co Ltd was not carried out in September 2013 return but it is being envisaged that it will be carried out in the VAT Return due to be filed by 15$^{th}$ March 2014"*.
   iii. B'email tal-11 ta' Marzu, 2014 Louis Camilleri (ufficjal tad-Dipartiment), gharraf lil Jacqueline Mizzi li ma setghetx issir it-tpacija mitluba u ghalhekk sal-15 ta' Marzu, 2014 kellha tithallas is-somma ta' €757,885 VAT. Fin-nuqqas jiddekorri l-imghax.
   iv. B'email tal-11 ta' Marzu, 2014, Jacquelie Mizzi infurmat lil Louis Camilleri li l-ahbar li ma tistax issir tpacija, kienet giet b'sorpriza kbira ghalija. Spjegat li, *"... the Vat set off exercise request was made for the simple reason that both Companies are not in the position to pay the VAT to the department due to Cash flow problems"*.

v. B'email tal-15 ta' Dicembru, 2014, Jacqueline Mizzi ikkontestat il-pretensjoni ghall-hlas ta' €31,913.42 imghax. Argumentat li, *"The amount of unpaid Vat was due to a VAT set-off between Gozo Ferries Ltd and Gozo Channel Company Ltd (both government owned companies) which was put on hold by the VAT department pending a verification exercise on Gozo Ferries Ltd"*. Kompliet li qatt ma kienet infurmata li kien hemm problema ma' Gozo Ferries Ltd u kieku qalulha li ma setax isir set-off, *"this exercise would not have been carried out"*.

vi. Fit-12 ta' Frar, 2015 l-appellant gharraf lill-appellata li kellu jithallas l-imghax fuq il-VAT li kien dovut.

9. B'riferenza ghall-eccezzjoni preliminari, il-qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellata:

i. Kien it-Tribunal tar-Revizjoni Amministrattiva li ta decizjoni li l-appellant kellu jaghti mahfra taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 406.02. Ma jirrizultax li quddiem it-Tribunal l-appellata kient qeghdha tibbaza l-argument taghha fuq regolament 2 tal-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja;

ii. Quddiem it-Tribunal l-appellant kien qieghed isostni li qatt ma tella' l-aspettattiva tal-appellata li ser tintlaqa' t-talba taghha. Zied li mill-korrispondenza jirrizulta qatt ma wieghed li t-talba ser tintlaqa'.

L-aggravji tal-appellant jindirizzaw proprju d-decizjoni tat-Tribunal li hi bazata fuq il-fatt li fil-fehma tieghu l-appellant kellu jezercita d-diskrezzjoni u jaghti mahfra mill-hlas ta' imghax skont regolament 2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 406.02.

10. Skont l-artikolu 21(4) tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406):

*"… ikun dovut mghax fuq kull taxxa li ma tithallasx sad-data li fiha jkollha tithallas b'rata li l-Ministru ghandu, minn zmien ghal zmien, jippreskrivi b'regolament ghal kull xahar jew parti minnu li l-imsemmija taxxa tibqa' ma tithallasx jew b'kull rata ohra hekk kif jista' jigi preskritt…….*

*Izda wkoll il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi kondizzjonijiet li permezz taghhom parti mill-imghax jew l-imghax kollu dovut taht dan is-subartikolu jista' jitnehha. Dawn ir-regolamenti jistghu jipprovdu wkoll ghat-tnehhija ta' imghax dovut skont l-Att tal-1994 dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u skont l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa"*.

Fil-fatt permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 406.20 (Regoli dwar Mahfra ta' Imghax u Penali Amminstrattiva), l-appellant jista' *"… **fid-diskrezzjoni tieghu, jahfer**:*

(a) *Kull imghax jew parti minnu dovut taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 21(4) tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud".*

11. It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva kien tal-fehma li f'dan il-kaz kienu jezistu cirkostanzi specjali li l-appellant jahfer l-imghax ghaliex:

*"Illi meta persuna taghmel il-verifiki taghha biex taghmel pass hija ghandha tinghata l-informazzjoni kollha necessarja biex ma tigi ppregudikata. Illi f'dan il-kaz irrizulta illi kien nuqqas da parti tad-Dipartiment li ma nformax tempestivament lis-socjeta rikorrenti li tpacija ma setghetx issir minhabba l-posizzjoni tal-Gozo Ferries Limited mad-Dipartiment. Kien nuqqas ukoll, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, illi status ta' kumpannija jibqa' mizmum ghal sentejn minghajr mal-istess kumpannija tigi mgharrfa, meta mbaghad jirrizulta, mix-xhieda ta' Louis Camilleri, illi l-istess l-investigazzjoni tlestiet fi zmien cirka hmistax-il gurnata.*

*Illi ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi d-Direttur intimat kellu jezercita d-diskrezzjoni tieghu ai termini tar-Regola 2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 406.02 (Regoli dwar Mahfra ta' Imghax u Penali Amministrattiva) u jahfer l-imghax impost fuq is-socjeta' rikorrenti stante illi fil-verita' s-socjeta' rikorrenti qatt ma giet infurmata li kien hemm xi problem sabiex issir it-tpacija u allura kellha ragun li tistenna li din se ssir".*

12. It-Tribunal wettaq zball ta' ligi ghaliex fl-ewwel lok ma jirrizultax li l-appellata ghamlet talba taht l-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja sabiex tinghata mahfra tal-imghax li ntalbet thallas, u lanqas ma jirrizultax li l-appellant ha decizjoni taht l-imsemmija regolamenti. Ghalhekk fir-realta ma kienx hemm x'jigi mistharreg fir-rigward tal-mahfra kontemplata fil-Legislazzjoni Sussidjarja 406.20. L-appellata stess taccetta li ma talbitx mahfra (ara paragrafu C tat-twegiba tal-appell). Dak li ghamet l-appellata hu li kkontestat il-pretensjoni ghall-imghax billi ppreponiet proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. F'kull kaz l-ghoti tal-mahfra hi fid-*diskrezzjoni* tal-appellant. Bid-decizjoni li ta t-Tribunal iddecieda b'mod li hu stess ta l-mahfra u b'hekk ezercita diskrezzjoni li bil-ligi hi moghtija lill-appellant. Dan m'ghandux isehh fl-ezercizzju ta' stharrig ta' eghmil amministrattiv.

13. Il-qorti zzid:

i. Ma jidhirx li t-tpacija li talbet l-appellanti hi kontemplata mill-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Kap. 402), u l-qorti fehmet li hi biss prassi.

ii. F'dan il-kaz is-socjeta' appellata mhijiex tikkontesta d-decizjoni ta' rifjut li tinghata t-tpacija, izda l-fatt li ghandha thallas l-imghax fuq it-taxxa li mhemmx kontestazzjoni li ghandha tithallas.

iii. Fir-rikors promotur, l-appellata argumentat, *"Huwa sottomess li kien totalment irragonevoli ghad-Dipartiment tal-VAT li jitlob hlas ta' imghax fuq VAT li l-kumpannija Gozo Channel ma setghetx kient taf li kellha l-obbligu li thallas fiz-zmien in kwistjoni"*. Pero' kienet taf x'ammont ta' taxxa kienet dovuta. Fis-sentenza t-Tribunal qal, *"… malli s-socjeta rikorrenti giet infurmata li ma tistax issehh it-tpacija, id-debitu in kwistjoni sar wiehed cert, likwidu u dovut u ghalhekk ma tistax takkampa fuq id-difiza li imghax ma jiddekorrix fuq tali ammont"*. Il-qorti hi tal-fehma li l-ammont kien cert u dovut sa minn qabel. 'Il fatt li saret talba ghat-tpacija ma jfissirx li t-taxxa ma kinitx maghrufa jew mhux dovuta. L-ammont ta' taxxa kien determinat, izda l-appellata talbet permess lill-appellant biex ma thallsux billi ssir tpacija mat-taxxa dovuta minn Gozo Ferries Limited. B'daqshekk ma jfissirx li sakemm id-Dipartiment ha decizjoni t-taxxa kienet incerta jew illikwida. Fiha nnifisha talba ta' tpacija hu rikonoxximent li d-dejn jezisti.

iv. Mhemmx korrispondenza minn fejn jirrizulta li l-appellanti qatt inghatat x'tifhem li t-talba taghha kienet ser tintlaqa'. F'email datata 20 ta' Awissu, 2013, Ruben Dalli (ufficjal tad-Dipartiment) gharraf lil Jacqueline Mizzi li sabiex issehh tpacija, *"…. Prevailing policy determines that companies within a group are to have (i) common shareholding, which are in your case; and (ii) vetting of account and VAT return by departmental auditors.* ***In the latter case if credits are deemed to warrant further verification and credits are withheld, then the offset cannot be carried out.*** *If not deemed to carry a high risk and credits are not withheld then the offset is approved"*. Ghaldaqstant, sa mill-bidunett kellu jkun car ghall-appellata li hemm process shih li jrid isir qabel tittiehed decizjoni jekk tistax tintlaqa' t-talba taghha, u ma kienx bizzejjed li jkun hemm *'common shareholding'*. Hu veru li l-appellant seta' mill-ewwel gharraf lill-appellata li dan ma kienx kaz fejn tista' ssir tpacija. Pero' dak in-nuqqas wahdu m'ghandux iwassal biex l-appellata ma thallasx imghax fir-rigward tat-taxxa li kellha tithallas ghall-perjodu mill-1 sal-31 ta' Jannar, 2014 (ara rendikont a fol. 14).

v. Rilevanti wkoll li fl-20 ta' Awissu 2013 Ruben Dalli kien baghat email lil Jacqueline Mizzi fejn talabh, *"You are kindly requested to forward the VAT returns along with a formal request for the offset transaction a week or so prior to closing date, which as discussed is 15 September 2013 in order to allow the Department ample time to carry out is investigations"*. Mill-email tas-7 ta' Marzu, 2014 li Mizzi baghtet lill-istess Dalli hu evidenti li ma kienx sar dak li talab Dalli, u kien biss f'Marzu, 2014 li l-appellata regghet ghamlet it-talba (ara ittra datata 10 ta' Marzu, 2014). Il-qorti fehmet li ladarba Mizzi ma baghtitx it-taghrif li talab Dalli, ma kienx sehh

zvilupp. Ovvjament f'dan id-Dipartiment ma jistax jigi attribwit b'xi nuqqas. Imbaghad fil-11 ta' Marzu, 2014, igifieri f'temp ta' ftit granet, Louis Camilleri gharraf lil Mizzi li t-talba ma setatx tintlaqa'. Il-qorti m'ghandhiex dubju li l-appellata assumiet li t-talba ser tintlaqa'. Pero' hi tal-fehma li mill-korrispondenza li giet ezebita ma kienx hemm il-bazi biex tasal ghal tali konkluzjoni, izjed u izjed mehud in konsiderazzjoni dak li kiteb Dalli fl-email tal-20 ta' Awissu, 2013. Fil-fehma tal-qorti l-korrispondenza hi l-aqwa prova li l-appellata qatt ma nghatat x'tifhem li t-talba kienet ser tintlaqa'.

vi. Fir-rikors promotur, l-appellata argumentat ukoll, *"Li kieku d-Dipartiment informa lill-esponenti mmedjatament dwar dan il-fatt, ma kienx imbaghad jiddekorri l-imghax li qed jigi kontestat b'dan l-appell".* Mhemmx prova li kieku l-appellata giet infurmata mill-ewwel li f'dan il-kaz ma setatx issir tpacija, kienet ser thallas it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud minnufih. It-talba saret minhabba problemi ta' *cashflow* li kellhom iz-zewg kumpanniji. Problema li tidher li kienet ghadha hemm fis-sena 2014. Fil-fatt fl-10 ta' Marzu, 2014 l-appellata baghtet l-istess ittra li baghtet fit-2 ta' Lulju, 2013. L-imghax hu dovut ghaliex l-appellata ma kellix il-kapital biex thallas dak li kien dovut bhala VAT. Mhemmx prova li kif l-appellata giet infurmata li t-talba kienet michuda, minnufih hallset it-taxxa li kienet dovuta. Kien ikun f'dak ix-xenarju li wiehed forsi seta' jargumenta li l-appellata wehlet imghax minhabba dewmien tal-appellat fit-tehid ta' decizjoni. Pero' hu evidenti li l-appellata ma kellix il-*cash flow* biex taghmel hlas ta' dak l-eluf ta' ewro. Tant hu hekk li mir-rendikont datat 31 ta' Ottubru, 2014 jirrizulta li l-parti l-kbira tad-dejn kien ghadu ma thallasx minkejja li kienet ilha mill-11 ta' Marzu, 2014 li giet infurmata li t-talba taghha giet rifjutata. Fil-fatt f'email datata 11 ta' Marzu, 2014 Jacqueline Mizzi spjegat li l-kumpannija ma setatx thallas il-VAT fl-ammont ta' €757,885.37 ghaliex *"the Company does not have this amount of money".* L-appellant ma kellu x'jaqsam xejn mal-problemi ta' *cash flow* li kellha s-socjeta appellata. Hu evidenti li dawk il-problemi kienu hemm meta originarjament saret it-talba bl-ittra tat-2 ta' Lulju, 2013 u baqghu hemm.

vii. Ma jirrizultax li l-appellant wettaq xi abbuz ta' poter jew ha decizjoni kontra l-ligi.

Mehud in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq il-qorti tikkonkludi li l-appell tal-appellant hu gustifikat.

**Ghal dawn il-motivi:-**

**i. Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-appellata.**

**ii.** **Tilqa' l-appell tal-appellant u thassar id-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Ammistrattiva tal-24 ta' Mejju, 2017 u tichad it-talba tas-socjeta' appellata maghmula bir-rikors promotur li pprezentat fis-26 ta' Frar, 2015.**

**iii.** **Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tas-socjeta' appellata.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur